MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 14/2008

**Mark Zammit**

**vs**

**Strand Electronics Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Novembru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-20 ta' Frar 2008 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija, hamsa u tmenin ewro u sittax ewro centezmi (€885.16) rapprezentanti prezz ta' 'lap top' illi kien difettuz.

L-intimat pprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottometta illi f’ Dicembru 2006 huwa xtara 'lap top' minghand id-ditta intimata u wara ftit xhur kellu xi hsara. Huwa hadu ghand l-intimat li biddillu xi partijiet minnu izda wara ftit zmien iehor rega’ kellu l-istess hsara.

L-intimat issottometta illi meta r-rikorrenti ha l-'lap top' tieghu ghandhom u huma ppruvawh il-problema ma hargitx, izda meta r-rikorrenti rega’ hadu ghat-tieni darba, minkejja illi l-problema regghet ma hargitx, inbidlet il-'motherboard' u dan sar ghall-beneficcju tar-rikorrenti.

L-intimat issottometta illi meta sar it-tielet rapport ta' hsara dan kien dovut ghal 'software' illi ma huwiex kopert b'garanzija izda l-intimat xorta wahda giet sollevata l-problema a spejjez tal-intimat.

Finalment l-intimat issottometta illi meta f’ Settembru 2007 l-intimat rega’ mar bil-'lap top' bl-istess ilment ta' l-ewwel darba huma baghtuh ghand Systec sabiex jarawh huma izda minkejja illi r-rikorrenti hadu hemmhekk huwa ma riedx ihalli l-'lap top' ghandhom.

It-Tribunal ezamina r-rapport tekniku ta’ l-espert imqabbad mit-Tribunal.

It-Tribunal jinnota illi:-

Ir-rikorrenti xtara 'lap top' f’ Dicembru 2006 b'garanzija ta' sena minghand id-ditta intimata ghall-iskop illi jigi wzat minn bintu ghall-istudji ta' kuljum taghha.

Wara ftit taz-zmien dan il-'lap top' beda jibdel il-kulur u meta hadu ghand l-intimat inbidlitlu l-'mother board' u lis-'screen'. Ftit wara gratlu hsara fis-'sound' u din ukoll giet irrangata mill-intimat izda f’ Settembru 2007 regghet grat l-istess hsara bhal dik originali u minkejja illi l-intimat baghat lir-rikorrenti ghand l-agent f’ Malta ta' dawk il-'lap tops', u minkejja illi r-rikorrenti mar ghand dan l-agent, huwa ma riedx ihalli l-'lap top' ghand l-agent u hadu lura mieghu.

It-Tribunal analizza r-rapport ta’ l-espert tekniku. Jinnota illi l-espert tekniku haddem dan il-'lap top' bejn il-21 ta' Mejju 2008 sal-20 ta' Gunju 2008 u ssottomettieh ghal diversi ezamijiet fothom 'screen tests u burn in tests'. L-espert tekniku nnota illi fl-ebda hin ta' prova ma rrizulta l-'blue screen' li kien irrapporta r-rikorrenti, illi kien hemm il-viti li jorbtu c-cappetti tal-LCD screen mac-chassis nieqsa u la d-'downloading' minn siti mhux protetti u l-anqas l-'anti virus' skadut illi semma l-intimat fir-risposta tieghu ma kienu kagun tal-problema rrapportata mir-rikorrenti.

It-Tribunal ra l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert tekniku fejn indika illi ghalkemm il-'blue screen' ma rrizultax waqt il-provi dan ma jfissirx illi l-problema ma hijiex hemm izda hija wahda intermittenti; illi mill-burn tests jirrizulta illi hemm problema bejn il-'graphics card u l-LCD Screen u li dan jikkawza 'flickering'.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq u wara li ra illi jezistu difetti fil-'lap top' illi l-intimat ma gharafx jirranga, kif ukoll illi l-'lap top' inxtara ghal skop ta'

> edukazzjoni liema skop ma ntlahaqx minhabba l-perijodu relattivament twal illi l-'lap top' ma kienx operattiv, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija, hamsa u tmenin ewro u sittax ewro centezmi (€885.16) bl-ispejjez kontra l-istess intimat, b'dan illi l-'lap top' isir propjeta' tal-intimat wara li jkun sar il-hlas.”

Is-socjeta` intimata tobbjetta ghal din is-sentenza bl-aggravju principali illi l-valutazzjoni tal-provi mit-Tribunal hi wahda manifestament parzjali u, ukoll, li t-Tribunal naqas milli jippresta attenzjoni xierqa lill-provi in meritu ghall-hsarat;

Ghal dan l-appell it-twegiba ta’ l-appellat hi fis-sens illi l-istess hu irritu u null in kwantu dak propost mill-appellanti jolqot l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal u ma jikkontjeni ebda lezjoni tal-principju ta’ gustizzja naturali;

Il-fatti li introducew il-kawza quddiem it-Tribunal kienu dawn. Fit-22 ta’ Dicembru, 2006 l-appellat xtara laptop minghand is-socjeta` appellanti. Wara ftit ta’ zmien huwa lmenta minn difetti u rrikorra ghal aktar minn darba ghand is-socjeta` appellanti biex isiru t-testijiet u l-accertamenti mehtiega. L-appellat baqa’ insodisfatt u ghadda biex intavola l-proceduri. Bi qbil bejn il-partijiet (ara verbal tas-seduta tat-15 ta’ Mejju, 2008, fol. 22) it-Tribunal innomina espert tekniku biex janalizza l-laptop;

Mill-perizja jirrizultaw dawn il-konkluzjonijiet:-

(1) Ma rrizulta ebda “*blue screen*” kif hekk illanjat mill-appellat, anke jekk l-espert ma naqasx milli jirrileva wkoll illi ma kienx ifisser li l-problema ma tezistix ghax jista’ jkun il-kaz li din hi wahda intermittenti;

(2) Mill-"*burn in tests*" jirrizulta li tezisti problema bejn il-*graphics card* u l-*LCD* Screen u, tali, kienet qed tikkawza "*flickering*". Fir-rigward ta' din il-problema l-espert irritjena li ma setax jiddetermina jekk din kellhiex rabta ma' difett latenti fil-mument tal-bejgh jew jekk zviluppatx maz-zmien bl-uzu tal-*computer*;

It-Tribunal jidher li ghamel tieghu dawn il-konkluzjonijiet ta' l-espert minnu mahtur u ghadda biex laqa' t-talba ta' l-appellat odjern u rrexxinda l-kompravendita;

Issa kontra din id-decizjoni s-socjeta` appellanti tissottometti s-segwenti argomenti:-

(1) Il-fatt li t-Tribunal qabbad espert tekniku kien ifisser illi t-Tribunal innifsu dehrlu li ma kienx hemm provi li jimmilitaw ghaf-favur tat-tezi ta' l-appellat;

(2) L-opinjoni ta' l-espert fir-rigward ta' l-ilment dwar il-*blue screen* kienet tati ragun lid-difiza taghha;

(3) It-Tribunal interpreta l-konkluzjonijiet tat-tekniku f'termini assoluti meta fil-verita dan kien qed jaghmel assunzjonijiet u mhux certezzi;

Il-Qorti behsiebha hawn taht tikkummenta *seriatim* ghal dawn l-argomenti;

Fil-kawzi quddiem il-Qrati kif regolati mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa sew maghruf illi n-nomina ta' konsulenti teknici hi mhollija fid-diskrezzjoni illimitata tal-Qorti u din, solitament, tigi ezercitata meta jkunu jezistu ragunijiet qawwija li jissuggerixxu lill-Qorti l-adozzjoni ta' dan ir-rimedju probatorju. Jinghad, difatti, illi "*anche nei casi espressamente permessi, ma non comandati dalla legge, a tale dispendioso rimedio si deve ricorrere soltanto laddove le particolari circostanze e le considerazioni tecniche, alla quale il giudicante fosse del tutto estraneo, lo cosentissero*". ("**Michael'Angelo Mallia**

***et* -vs- Constantino Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru, 1911). Dan hu maggorment hekk il-kaz quddiem it-Tribunal specjali adit in vista ta' dak li jinghad fl-Artikolu 23 (2) (c) tal-Kapitolu 378. Naturalment, sew ghaliex il-perizja tkun mitluba miz-zewg partijiet (ara Artikolu 644, Kapitolu 12) kif inhu hekk il-kaz hawnhekk, sew ghaliex il-poter diskrezzjonali vestit fl-Arbitru hekk jissuggerilu fuq l-evalwazzjoni tal-htiega u ta' l-opportunita` taghha, il-fakolta tan-nomina ma tistax tonqos li tkun pozitivament ezercitata fl-interess tal-partijiet u ghar-rizoluzzjoni tal-kontroversja;

Maghdud dan, tajjeb li jigi mfakkar illi l-perizja hi mezz ta' prova oggettiva sija ghall-Qorti u sija ghat-Tribunal. Ara decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "**Edwin Vella -vs- Joanna Briffa**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 18 ta' Ottubru, 2006. Dan hu hekk fejn il-perizja ma tkunx wahda merament ta' valutazzjoni teknika izda, fuq kollox, ta' accertament ta' fatt rilevabbli permezz ta' certa konoxxenza teknika determinata. Fil-fattispeci, attinenti ghall-accertament dwar l-allegat *blue* screening tal-laptop;

M'ghandniex xi nghidu, l-ezercizzju mill-espert jinvolvi ghazliet bazati fuq id-diskrezzjonalita` teknika tat-testijiet kondotti minnu u kull gudizzju tieghu, in kwantu mezz ta' prova, hu rizervat lill-gudikant fl-gharbiel tal-kumpless tal-provi. Fil-kaz in ispecje l-espert ma sabx fiz-zmien li l-laptop dam ghandu illi kien jezisti *blue screening* izda, imbaghad, dan lanqas ma eskludih ghal kollox. Kif lanqas ukoll ma eskluda l-ezistenza ta' problema ohra fl-istess laptop, kawzativa ta' *flickering.* Mill-atti, imbaghad, ma jidherx li dawn l-affermazzjonijiet tal-perit tekniku tqeghdu fid-dubbju mis-socjeta` appellanti;

Hu principju ben maghruf illi kull gudikant ghandu l-poter diskrezzjonali wiesgha li jqis dawk l-elementi ta' prova, processwalment akkwiziti, li huwa jidhirlu hekk sufficjenti ghal gudizzju tieghu. F'dan l-ezercizzju valutativ huwa

jista’ jqieghed ghab-bazi tad-decizjoni tieghu l-oggett tal-prova kostitwit mill-perizja jekk hu jidhirlu li din tissodisfah ghax konvincenti u kondivizibbbli. F’dan ma hemm xejn barra mill-ordinarju li ghandu jgib ic-censura tas-socjeta` appellanti illi l-valutazzjoni tat-Tribunal hi wahda assolutista jew rigida zzejjed;

Evidentement, it-Tribunal, apparti dik l-affermazzjoni ta’ l-espert tieghu illi l-problema seta’ wkoll tkun wahda intermittenti, ma setax ma kienx influwenzat ukoll mill-fatt objettiv l-iehor illi l-appellat, fiz-zmien qasir minn meta xtara laptop gdid, jilmenta minn imperfezzjonijiet fih, gie mfixkel fl-uzu tieghu u kellu jirrikorri ghal ben tliet darbiet ghand is-socjeta` appellanti ghar-rettifikazzjoni u aggustamenti opportuni. F’kazijiet ta’ din ix-xorta, kif sewwa osservat mill-Qrati taghna f’materja ta’ xiri ta’ apparati godda, “min ihallas il-prezz gust ta’ haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b’haga msewwija, kbira jew zghira, kemm tkun dik it-tiswija” (“**Perit Cavaliere Emmanuele Borg -vs- Carmelo Petroni *nomine***”, Appell Kummercjali, 29 ta’ Jannar, 1954). “F’kaz bhal dan talba ghar-restituzzjoni tal-prezz jew ghas-sostituzzjoni tal-haga hija gustifikata” (“**Maria Rosa Muscat Baldacchino -vs- Edward Vincenti Kind *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 5 ta’ Ottubru, 1965). B’aktar qawwa dawn ir-riflessjonijiet ghandhom jircievu adezjoni ghat-tutela tal-konsumatur taht il-Kapitolu 378 skond id-diversi disposizzjonijiet tieghu u dawk tar-rimedji provvduti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------